# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM’AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Illum l-1 ta’ Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 1073/2010 SM**

**Avv. Noel Camilleri (K.I. 600558 (M)**
**ghan-nom u in rapprezentanza ta’**
**Giovanna Aloisio (Karta tal-Identita`**
**Taljana Numru AA 684514)**

**vs.**

**1. Silvio Borg (I.D. 218469 M)**

**2. GasanMamo Insurance Limited (C – 3143)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-22 t’Ottubru, 2010, li permezz tieghu, l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna gew

sintetikament esposti bil-mod segwenti mir-rikorrenti *nomine* fuq indikat:

1.1. Illi hu qieghed jirrapprezenta lil Giovanna Aloisio, cittadina Taljana, (ara d-debita awtorizzazzjoni a foll 6);

1.2. Illi fil-25 t'Ottubru, 2008, ghall-habta tat-12.10p.m., l-istess Aloisio kienet vittma t'incident tat-traffiku meta giet investita mill-intimat waqt li kien qed isuq il-vettura tat-tip Kia Avella bin-numru BBQ-401;

1.3. Illi l-incident *de quo* sehh fi Triq Gorg Borg Olivier, il-Mellieha;

1.4. Illi l-istess sinistrata ttiehdet l-isptar u kienet certifikata li kissret l-irkoppa tax-xellug, (ara foll 7);

1.5. Illi wara li ttiehdet l-Italja instab li kienet qed issofri minn ksur ulterjuri f'sieqha x-xellugija u anke fil-leminija;

1.6. Illi ghalkemm anzjana is-sinistrata kienet persuna indipendenti u attiva hafna;

1.7. Illi rizultat tal-incident in dizamina soffriet dizabilita` permanenti t'erbatax fil-mija, (14%);

1.8. Illi konsegwenza tal-istess kellha bzonn tqabbad ghajnuna fid-dar fejn qabel kienet taghmel kollox wehidha;

1.9. Illi l-pulizija bdew proceduri kriminali kontra l-intimat u ghalhekk kellha tinkorri aktar spejjez biex tigi Malta u tiddeponi f'dawk il-proceduri;

1.10. Illi l-incident *de quo* sehh tort u htija tal-intimat li b'negligenza, nuqqas t'osservanza tar-regolamenti u b'imprudenza, tajjar lir-rikorrenti *nonostante* li kellu vizwali tajba tat-triq;

1.11. Illi *nonostante* li ripetutament interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-ispejjez minnhu kkagunati, baqa` inadempjenti;

1.12. Illi s-sinistrata soffriet griehi gravi u kellha bzonn kura medika kemm Malta kif ukoll l-Italja, anke wara li harget mill-isptar;

1.13. Illi l-ispejjez inkorsi jirrigwardaw ukoll:

1.13.1. In-nuqqas ta' hajja indipendenti;

1.13.2. Il-fatt li kellha tittiehed l-Italja b'helikopter;

1.13.3. Li kellhom jigu familjari taghha f'Malta biex jassisstuha;

1.13.4. Il-kura medika involuta;

1.13.5. Il-bzonn t'ghajnuna fid-dar taghha;

1.14. Illi rizultat tal-incident l-istess sinistrata soffriet ukoll dizabilita` permanenti u nuqqas konsegwenzjali fil-kwalita` tal-hajja taghha;

1.15. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.15.1. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghall-incident in dizamina;

1.15.2. Tillikwida d-danni sofferti mis-sinistrata, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

1.15.3. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas id-danni hekk likwidati;

1.15.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

2. Rat l-ordni ta' din il-qorti diversament preseduta datata d-29 ta' Novembru, 2010, li permezz taghha ordnat lill-partijiet jindirizzaw il-kweziti hemm lilhom indikati, (ara foll 53);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata s-16 ta' Dicembru, 2010, li permezz taghha r-rapprezentant tas-socjeta` intimata hemm indikat sintetikament espona s-segwenti:

3.1. Illi m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Aloisio *stante* li l-karta ta' identita` Taljana taghha ma tezistix;

3.2. Illi ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3.3. Illi fil-mertu isosstnu sintetikament is-segwenti:

3.3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.3.2. Illi l-incident ma sehhx tort tal-intimat Borg izda kien unikament tort tal-istess Aloisio li qasmet it-triq *de quo* bl-addocc;

3.3.3. Illi s-socjeta` intimata ma kkawzat l-ebda incident jew danni lill-imsemmija Aloisio, u ghalhekk t-talba rigwardanti r-responsabilita` diretta kontra l-istess socjeta` hi nieqsa minn kull fondament;

3.3.4. Illi kwazi d-dokumenti kollha ezebiti mir-rikorrenti huma bit-Taljan u bit-Tedesk, u ghalhekk jinhtieg li jigu tradotti, altrimenti ghandhom jigu sfilzati;

3.3.5. Illi ghandhom jitressqu provi rigwardanti id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans*, u mill-istess ghandhom jitnaqqsu sommom gia` rizarciti lir-rikorrenti;

3.3.6. Illi d-danni pretizi biex tixhed fi proceduri kriminali fil-qorti lokali m'ghandhomx jigu akkolti;

3.3.7. Salv risposti ulterjuri skont il-ligi;

3.3.8. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

4.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-31 ta' Jannar, 2011, li permezz tieghu:

4.1. Innominat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 68 u 69);

4.2. Innominat lill-espert mediku hemm indikat (ara foll 68 u 70);

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat ukoll il-31 ta' Jannar, 2011, li permezz tieghu qabblu li d-dokumenti kollha b'lingwi barranin jigu maqluba ghall-Malti jew ghall-Ingliz, (ara foll 68);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-6 Settembru, 2011, li permezz tieghu nnominat lill-perit tekniku hemm indikata biex tittraduci id-dokumenti fuq gia riferiti fil-paragrafu precedenti, (ara foll 81);

7. Rat in-nota datata t-12 ta' Marzu, 2012, li permezz taghha l-perit tekniku indikata fil-paragrafu precedenti pprezentat it-traduzzjoni tad-dokumenti in atti u kkonfermat li ghamlet l-istess bl-ahjar hila taghha, (ara foll 90 sa 126);

8. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat l-1 t'April, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju fuq riferit biex tghaddi l-inkartament kollu tal-process lill-qorti biex tkompli tisma` il-kawza hi stess, (ara foll 207);

9. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu, fuq talba tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 226);

10. Tirrileva li l-partijiet m'attemporawx ruhhom mat-termini indikati fil-paragrafu precedenti, u minflok l-abbli rapprezentant legali tal-intimati talab li l-kawza tkun differita ghas-sentenza, (ara foll 231);

11. Rat id-digriet taghha datat iz-19 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu laqghet it-talba indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 231);

12. Semghet ix-xhieda prodotta quddiema;

13. Ezaminat id-dokumenti prodotti in atti, inkluzi d-dikjarazzjoni guramentata u xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

14. Tiddikjara li l-kontendenti, ghalkemm debitament awtorizzati, naqsu li jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

15.1. Illi waqt li ghall-habta tal-12.10p.m. tal-25 t'Ottubru, 2008, r-rikorrenti principali Giovanna Aloisio kienet flimkien m'ohrajn qed taqsam Triq Gorg Borg Olivier, il-Mellieha, hi giet investita minn vettura tal-marka Kia Avella bin-numru BBQ – 401, misjuqa mill-intimat Silvio Borg, (ara rapport tal-pulizija foll 47 u 145);

15.2. Illi rizultat tal-incident in kwistjoni r-rikorrenti imsemmija fil-paragrafu precedenti soffriet griehi gravi billi kissret il-patella taghha tax-xellug, (ara foll 7), flimkien ma' ksur tat-tibia xellugija u distorsjoni tal-irkoppa l-leminija, (ara foll 10);

Ikkunsidrat:

A. **Liberazzjoni mill-Osservanza tal-Gudizzju**:

16.0. Illi rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi hawn gie rilevat li l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex kien riskontrat zball fin-numru tal-karta tal-identita` tar-rikorrenti;

16.2. Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li fih innifsu dan ma jirreka l-ebda pregudizzju lill-intimati;

16.3. Illi *di piu`*, l-istess numru gie debitament korrett kif jidher bid-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-25 ta' Jannar, 2011, (ara foll 65);

16.4. Illi ghalhekk l-istess eccezzjoni giet debitament superata;

16.5. Illi in vista tal-istess tichad u tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni tal-intimati;

B. **Responsabbilita` tas-Socjeta` Intimata**:

17.0. Illi fir-rigward ta' din it-tielet eccezzjoni sollevata mill-intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi t-talba tar-rikorrenti tikkonsist f'talba ghal dikjarazzjoni ta' kolpa akwiljana;

17.2. Illi konsegwentement tali talba ma tistax tkun diretta fil-konfront tas-socjeta` assikuratrici intimata;

17.3. Illi *nonostante* s-suespost, din is-socjeta`, fil-kwalita` taghha fuq indikat xorta wahda ghandha tkun intimata f'din il-procedura *stante* li kemm -il darba tigi milqugha l-ewwel talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat Silvio Borg u tigi ghalhekk stabbilita r-responsabbilita` ta' Borg ghall-incident in dizamina, l-istess socjeta` intimata tista` tkun responsabbli ghad-danni fil-limitazzjonijiet tal-polza assikurattiva vigenti tal-intimat Borg mal-istess socjeta`;

17.4. Illi ghalhekk is-sejha tal-istess socjeta` intimata f'din il-procedura hi sejha legittima, u konsegwentement qed tirrespingi din l-eccezzjoni wkoll;

C. **Id-Dokumenti Esebiti mir-Rikorrenti**:

18.0. Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni sollevata mill-intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi din l-eccezzjoni giet debitament sorvolata kemm:

18.1.1. Minhabba l-verbal kongunt tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-31 ta' Jannar, 2011, li permezz tieghu qabblu li d-

dokumenti kollha b'lingwi barranin jigu tradotti ghall-Malti jew l-Ingliz, (ara foll 68); u

18.1.2. Minhabba l-fatt li l-istess dokumenti gew effettivament tradotti u regolarment ipprezentati in atti, (ara foll 90 *et sequitur*);

18.2. Illi in vista tal-istess, tirrespingi wkoll din l-eccezzjoni sollevata mill-intimati;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi rigward il-mertu tal-vertenza odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi r-rikorrenti ssosstni li hu l-intimat li ghandu jirrispondi ghall-incident in dizamina, u dan ghaliex waqt li kien qed isuq il-vettura in dizamina:

19.1.1. Kellu vizwali tajba tat-triq, (ara foll 144);

19.1.2. Ma kienx hemm traffiku, (ara foll 214);

19.1.3. Ma rax lir-rikorrenti taqsam it-triq m'ohrajn, u tajjarha, (ara foll 1);

19.2. Illi min-naha tieghu l-intimat sintetikament isosstni is-segwenti:

19.2.1. Illi hu u tiela Triq Gorg Borg Olivier il-Mellieha fid-direzzjoni mill-Ghadira ghall-*Belleview*, hekk kif wasal f'parti dejqa tat-triq hdejn il-fergha tal-*Bank of Valletta*, sab vettura tal-marka Mercedes niezla mid-direzzjoni opposta, (ara foll 214);

19.2.2. Illi l-konducent tal-Mercedes ceda lill-intimat biex dan ikun jista` jipprocedi;

19.2.3. Illi ftit aktar il-fuq kien hemm grupp zghir ta' nies f'xifer il-bankina;

19.2.4. Illi f'daqqa wahda fegget mara minn wara l-Mercedes li qasmet mill-lemin ghax-xellug, (ara foll 214);

19.2.5. Illi kien qed isuq b'velocita` baxxa hafna *stante* li kien fit-telgha, (ara foll 214);

19.2.6. Illi fit-triq *de quo* kien hemm diversi vetturi ohra pparkjati, (ara foll 214);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi skont l-iskizz anness mar-rapport tal-pulizija jirrizulta is-segwenti: (ara foll 151)

20.1. Illi kif jirrizulta mill-marka 'X' ta' kulur isfar fl-istess skizz, (ara foll 151), ir-rikorrenti kienet kwazi wasslet mal-bankina l-ohra tat-triq minn fejn qasmet meta intlaqtet mill-vettura misjuqa mill-intimat;

20.2. Illi konsegwenza tal-istessl-intimat kien ilu li ra lir-rikorrenti *stante* li din qasmet quddiemu;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi tenut kont tal-fatti kif fuq esposti jistghu jsiru is-segwenti konsiderazzjonijiet:

21.1. Illi tenut kont tal-iskizz u tal-posizzjoni fejn jirrizulta li intlaqtet ir-rikorrenti, il-versjoni tal-intimat li jsosstni li r-rikorrenti dehret quddiemu f'daqqa wahda, mhix versosimili;

21.2. Illi dan qieghed jinghad ghaliex jirrizulta li r-rikorrenti lahqet qasmet it-triq kollha minn quddiem l-istess intimat li allura seta` jara lill-istess rikorrenti minghajr diffikulta`;

Ikkunsidrat:

22. Illi wara li l-konducent tal-Mercedes waqqaf il-vettura tieghu biex jippermetti lill-intimat jipprocedi fi triqtu, u qabel ma' l-istess intimat seta` hekk ikompli jsuq, kellu jaccerta ruhhu illi t-triq kienet tippermettilu jsuq b'inkolumita` ghalih u ghal terzi;

23. Illi jirrizulta assodat li ghalkemm kien ra li kien hemm grupp zghir ta' nies fit-triq, f'xifer il-bankina hu xorta ma rax li kien hemm persuna ohra anzjana mal-istess grupp;

24. Illi kien ghalhekk, senjatament minhabba n-nuqqas t'attenzjoni minnhu dovuta fis-sewqan, li laqat lir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

25. Illi rizultat tal-istess jirrizulta pacifiku li l-incident in dizamina sehh tort u htija tal-intimat ghaliex waqt li kien risponsabbli mill-konduzzjoni tal-vettura li kien qieghed isuq hu ma rax sew dak li kien qed isehh madwaru;

26. Illi kemm -il darba l-intimat kien qed izomm il-proverbjali *proper look out* hu kien certament kien ikollu vizwali assoluta ta' dak kollu li kien qieghed jigri fit-triq u konsegwentement, l-incident in dizamina kien jigi evitat;

27. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Dr. Philip Manduca Zammit nomine vs. George Carmel Bugeja***, datata is-***26 t'April, 2012***, fejn intqal is-segwenti:

> "Illi hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunement tissejjah *"a reasonable look out"*, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolement vizibbli";

28. Illi *di piu`*:

> "*Reasonable look out*" ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *"in plain view"*, *Vol. LXXXII. III. 322*;

29. Illi finalment jigi sottolineat li:

> “The duty to look implies the duty to see what is in plain view”, (*Gibbs: Trial of Motor Car Accident Cases Sec. 54*);

Ikkunsidrat:

30.0. Illi in vista tal-premess, ghal dak li ghandu x’jaqsam mar-responsabbilita` tal-incident in dizamina, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovat il-kaz taghha, konsegwentement:

**DECIDE:**

30.1. Tilqa` l-ewwel talba tar-rikorrenti *nomine*;

30.2. Tirrespingi t-tieni eccezzjoni jew risposta tal-intimati;

30.3. Tiddikjara ghalhekk li l-intimat Silvio Borg hu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;

Ikkunsidrat:

31. Illi stabbilit dan, trid issa tigi indirizzata l-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti;

32.0. Illi rigward id-***damnum emergens*** jinghad sintetikament is-segwenti:

32.1. Illi komplessivament dawn id-danni sofferti mir-rikorrenti ghall-kura u medicini ancillari jammontaw ghal elf, sebgha mija u sittin euro u wiehed u sittin centezmu, (€1,760.61);

32.2. Illi dan l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti hu kompost bil-mod segwenti:

32.2.1. €231.81 ghall-fisjoterapija, (ara foll 15);

32.2.2. € 50.00 ghall-fisjoterapija, (ara foll 16);

32.2.3. €298.00 ghac-centru ottiku, (ara foll 17);

32.2.4. € 90.00 ghal vizita newrologika, (ara foll 18);

32.2.5. € 42.00 ghal vizita newrologika, (ara foll 20);

32.2.6. €360.00 ghal perizja medika, (ara foll 21);

32.2.7. €688.00 ghall-ispejjez medici, transport, akkompanjament mediku u servizz prevenzjonali, (ara foll 25);

Ikkunsidrat:

33.0. Illi rigward il-**lucrum cessans** jinghad sintetikament is-segwenti:

33.1. Illi in effetti f'dan ir-rigward ir-rikorrenti naqset li tindirizza dan il-kap kompletament;

33.2. Illi *nonostante* dan, xorta wahda jirrizulta sintetikament is-segwenti:

33.2.1. Illi r-rikorrenti twieldet fil-11 ta' Jannar, 1935, (ara foll 66);

33.2.2. Illi meta sehh l-incident ir-rikorrenti ghalhekk kellha l-eta` ta' tlieta u sebghin, (73), sena;

33.2.3. Illi konsegwenza tal-incident ir-rikorrenti tghid li ma baqghetx attiva kif kienet, (ara foll 2);

33.2.4. Illi ghalhekk, rizultat tal-istess, saret tiddependi fuq haddiehor, (ara foll 2);

33.2.5. Illi fit-termini ta' certifikat mediku prodott mir-rikorrenti li izda ma giex skrutinat skont il-ligi mill-kontro-ezami tal-intimati, jirrizulta li r-rikorrenti soffriet dizabilita` permanenti t'erbatax fil-mija, (14%), (ara foll 12);

Ikkunsidrat:

34. Illi in konsegwenza tal-partikolarita` procedurali naxxenti mill-fatt li r-rikorrenti tghix regolarment l-Italja, u ma pproduciet l-ebda parametru li fuqu din il-qorti tista` tistrieh biex tistabbilixxi l-ammont ta' danni minnha sofferti *f'lucrum cessans*, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tistabbilixxi l-istess *arbitrio boni viri*;

35. Illi konsegwenza tal-istess, filwaqt li ghalhekk tirrespingi l-hames risposta tal-intimati, tistabbilixxi d-danni taht il-kap odjern ta' *lucrum cessans arbitrio boni viri* fl-ammont ta' hamsin elf euro, (€50,000.00);

36. Illi finalment, *stante* li r-rikorrenti ma resqet l-ebda prova rigward id-danni minnha inkorsi biex tigi Malta mill-Italja biex tixhed fil-procedura kriminali kondotta kontra l-intimat, din it-talba qed tigi meqjusa daqs li kieku ma gietx pruvata;

**DECIDE:**

37.0. Illi ghalhekk, in vista tal-premess:

37.1. Tillikwida d-danni komplessivi (*damnum emergens* u *lucrum* cessans), sofferti mir-rikorrenti *nomine* fl-ammont ta' wiehed u hamsin elf, seba` mija u sittin Ewro, u wiehed u sittin centezmu, (€51,760.61);

37.2. Tikkundanna lill-intimat Silvio Borg biex ihallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont hekk likwidat;

37.3. Tillibera lis-socjeta` intimata GasanMamo Insurance Limited mill-osservanza tal-gudizzju;

37.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-istess intimat Silvio Borg.

___________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**